MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 65/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Silvan Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Silvan Zerafa, ta' dsatax (19) il-sena, bin Peter Paul u Pauline neé Camilleri, imwieled it-13 ta' Gunju 1991 u residenti fil-fond Plot 73, Triq ir-Ramla l-Hamra, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 23291(G) li gie:

akkuzat talli fil-lejl bejn id-19 u l-20 ta' Frar 2010 ghal habta ta'03.30hrs fi Pjazza J.F. Kennedy, Rabat, Ghawdex, u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta' Vincent McKay (ID No.5853M) u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-valur ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69 Euro).

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi d-danni fuq il-vettura Mitsubishi Lancer FAG 702 gew imhallsa (Dok. "D).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, il-fatt li d-danni kagunati gew rizarciti u li l-imputat kkolabora mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------